ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 05** **IT-TNEJN, 7 TA' OTTUBRU'19**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar It-Tnejn, 7 t'Ottubru 2019, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku)
Dr Josef Masini Vento (Viċi Sindku)
Jerome Caruana Cilia (Kunsillier)
Ralph Puli (Kunsillier)
Charlie Cuschieri (Kunsillier)
Daniel Ablett (Kunsillier)
Marvin Zammit (Kunsillier)
Sean Apap Meli (Kunsillier)
Martina Grech (Kunsillier)
George Muscat (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Donnha Barbara (Kunsillier)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**05/01** **QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**05/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-ittri ta' apoloġija ppreżentati mill-kunsillier Donnha Barbara.

Il-Kunsill qabel li l-assenza hija ġustifikata u għaldaqstant approva l-ittri ta' apoloġija tal-kunsillier Donnha Barbara.

**05/02/01** **KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 04**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas- Seduta Nru. 04 li nżammet nhar it-Tnejn, 25 ta' Settembru 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab korrezzjoni tal-Minuti kif ġej:

*"Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li tiġi nstallata tabella 'No Access to Heavy Vehicles' mal-proposta ta' No Entry ta' Triq San Benedittu*

Il-korrezzjoni mitluba ġiet milqugħa u l-Minuti ġew korretti kif mitlub u ffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv**.**

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma
kien hemm l-ebda Astensjoni.

## 05/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**05/03/01** **Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li l-Kunsill huwa obbligat bil-liġi li fi żmien 3 xhur mit-twaqqif tal-Kunsill, tissejjaħ laqgħa pubblika. Is-Sindku nfurma li l-laqgħa se tinżamm nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 jew inkella t-Tnejn 4 ta' Novembru'19.

**05/03/02**

**Is-Sindku Renald Falzon** infurma li nżammet il-laqgħa mar-residenti ta' Triq il-Belt Valletta u ġie maqbul li titressaq talba lil Transport Malta sabiex parti minn Triq il-Belt Valletta ssir One-Way bejn is-7.00a.m. u d-9.00a.m. 'Except for School Transport', flimkien ma Triq Għadira issir No Entry bil-kontra ta' li hi llum.

Is-Sindku Renald Falzon infurma li nħarġu l-inviti għas-Serata Ġieħ Ħal Qormi, liema attivita se tinżamm quddiem il-binja tal-Kunsill u f'każ ta' maltemp tinżamm fl-iskola Primarja San Sebastjan.

Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento talab li fl-iscript tiddaħħal il-persuna li nnominat lill-onorati. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona li l-preżentazzjoni issir mis-Sindku flimkien mal-Kunsillier li jkun ressaq in-nomina.

Il-Kunsillier Marvin Zammit ppropona li fil-programm jiddaħħal l-isem tal-kunsillier li nnomina lill-persuna.

Is-Sindku nfurma li s-Serata se tkun animata minn Orchestra ta' 25 mużiċist taħt id-direzzjoni ta' Mro Chris Camilleri u se tkun ppreżentata minn 3 compares.

**05/04** **MOZZJONIJIET**

**05/04/01** **Mozzjoni Nru 17 imressqa mill-Kunsillier Donnha Barbara**

*Nipproponi li l-inizzjattiva Clean Up Day madwar Ħal Qormi tidħol fil-kalendarju annwali ta' attivitajiet matul is-sena.*
*Għaldaqstant nipproponi li l-clean up day li jmiss issir nhar is-Sibt 23 ta' Novembru 2019 u l-ewwel clean up għas-sena 2020 tinżamm is-Sibt 29 ta' Frar 2019.*

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli talab *point of order* dwar id-diskussjoni ta' din il-mozzjoni, fl-assenza tal-Kunsillier li qed jipproponi l-mozzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-ordnijiet permanenti ta' Kapitlu 363 'Liġi għall-Gvern Lokali' u infurmat li fil-liġi m'hemm xejn x'jindika li membru tal-Kunsill għandu jkun preżenti waqt il-laqgħa, sabiex tiġi diskussa l-mozzjoni.

Il-mozzjoni tressqet għall-approvazzjoni tal-membri.

**Is-Sindku Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**05/04/02** **Mozzjoni 18 imressqa mill-Kunsillier George Muscat**

Wasal iż-żmien li Ħal Qormi jkollha l-orkestra tagħha u tkun komposta min-nies miż-żewġ naħat ta' Ħal Qormi.

Dan il-kunċett diġa jeżisti f'lokalitajiet oħra, bħaż-Żurrieq u l-Mellieħa u dan bis-support mill-Kunsill Lokali stess.

Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda l-mozzjoni.

Saret diskussjoni dwar il-mozzjoni u sar qbil li l-mozzjoni tiġi emendata kif ġej;

*"u dan wara diskussjoni mat-tlett baned tal-lokalita"*

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**05/04/03 Mozzjoni numru 19 mressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

*Din il-mozzjoni tkompli tibni fuq dak li kont ressaqt fl-2015. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi huwa kommess illi jħares l-ambjent naturali tal-Belt Pinto u għaldaqstant illi jassigura ambjent naturali aktar nadif għar-residenti kollha.*

*Nemmen li r-residenti Qriema jixirqilhom kwalità ta' ħajja aħjar, b'mod speċjali it-tfal, iż-żgħażagħ u l-anzjani tagħna. Nixtieq nieħu l-opportunità u nirringrazzja lill-ħaddiema li kienu nvoluti fil-proġett li permezz tiegħu saret it-triq biswit dan il-Wied.*

*Biex tassew inħarsu l-benesseri tar-residenti u ninvestu wkoll fil-ġenerazzjonijiet futuri, nemmen li l-Kunsill Lokali f'Ħal Qormi għandu jassigura li l-familji Qriema jkollhom l-ispazji miftuħa fejn jagħmlu eżerċizzju u anke jqattgħu ħin rikreattiv flimkien. Dan il-punt kont diġà sħaqt dwaru fl-2015 u anke qabel.*

*Għaldaqstant, qed nipproponi biex:*

- *Isir it-tindif meħtieġ f'Wied iċ-Ċawsli,*
- *Iż-żona ta' Wied iċ-Ċawsli tkun inkluża wkoll fi Clean-up campaigns li jsiru minn żmien għal żmien,*
- *Jitħawlu siġar taċ-Ċawsli f'dan il-Wied. Matul is-snin li għaddew kienu reġgħu tħawlu ftit siġar taċ-Ċawsli, iżda għal raġuni jew oħra dawn m'għadhomx hemmhekk.*
- *Jitwaħħlu sistemi ta' CCTV ta' kwalità bil-għan li jonqsu l-abbużi u l-atti vandali.*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**05/05** **Mistoqsijiet mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ppreżenta numru ta' mistoqsijiet għall-attenzjoni tas-Sindku, liema mistoqsijiet ġew iċċirkulati mal-Aġenda.

Is-Sindku Renald Falzon ppreżenta r-risposta għal dawn il-mistoqsijiet, kopja annessa mal-Minuti.

**05/06** **Ilmenti mill-Kunsilliera**

**05/06/01** **Il-Kunsillier Ralph Puli** semma' l-problema ta' nuqqas ta' aċċess tal-garaxxijiet eżistenti fi Triq San Benedittu, fejn xi residenti qed jilmentaw li issa li ġiet One-Way it-triq mhux possibli li jidħlu fil-garaxxijiet tagħhom.

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li ġew ordnati tabelli 'Access to garage users only'.

**05/06/02** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li dan l-aħħar sar xogħol fil-playingfield ta' Fuq Tal-Blat, fejn jidher li hemm bżonn manutenzjoni fuq il-playing equipment. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li hemm kwantita' kbira ta' nemel fiz-zona.

**05/06/03** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ġibed l-attenzjoni dwar il-patches li qed isiru fuq il-bankini. Is-Sindku Renald Falzon infurma li dan kien xogħol ta' manutenzjoni żgħira li sar mill-ħaddiema tar-Reġjun.

**05/06/04** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona li ssir manutenzjoni tal-bankina tal-lava fi Triq il-Kbira.

**05/06/05** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** infurma li saret laqgħa mal-għaqda sportiva MOVE dwar attivita' għat-Tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal. Din l-attivita' se tinżamm il-Ħadd 17 ta' Novembru 2019.

**05/06/06** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li jsiru directional signs 'Parroċċa San Ġorġ' fi Triq il-Vitorja u Triq il-Wied għal Triq Aloisio.

**05/06/07** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni li l-bozza li ġiet shifted fi Sqaq San Ġorġ għadha mhux tixgħel.

**05/06/08** **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li jinsab iddiżappuntat li ressaq xi mozzjonijiet u ma ġewx approvati li jitressqu. Huwa nfurma lill-membri bl-inċident tat-traffiku li seħħ fi Triq San Benedittu. Wara diskussjoni dwar din il-kwistjoni, ġie maqbul li ssir talba għall-infurzar mill-Pulizija u LESA.

**05/06/09** **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li f'Ħal Qormi hawn problema kbira bl-iskart. Wara diskussjoni dwar din il-kwistjoni l-Kunsill qabel li ssir talba għall-assistenza lid-Direttorat għat-tindif, minħabba l-istat ta' urġenza li hawn fil-lokalita', biex isir it-tindif meħtieġ, bil-bowser.

**05/06/10** **Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt tal-Knis tat-toroq mhux up to standard.

**05/06/11** **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ġibed l-attenzjoni li anke s-servizz ta' ġbir ta' skart mhux up to standard, b'mod partikolari meta jinġabar l-Organic Waste, li jdum sas-2.00p.m. biex jinġabar f'ċertu zoni.

**05/06/12** **Is-Sindku Renald Falzon** infurma li qed isiru diskussjonijiet dwar il-Magazine Id-Dielja, fejn se jibda' jinħareġ darbtejn fis-sena.

**05/07** **Skeda ta' Pagamenti**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru.

**Il-Kunsillier Sean Apap Meli** għamel point of order dwar il-ħlas ta' subsistance allowance lill-kunsillier Donnha Barbara, fejn irrimarka li dan il-ħlas sar mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Carmelo Cuschieri** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Viċi Sindku Josef Masini Vento** ssekonda, bir-riżerva ta' pagament Nru 77 dak tal-Kunsillier Donnha Barbara.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2019.

**AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tnejn 4 ta' Novembru 2019 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:30 ta' fil-għaxija.

**IFFIRMATI**
Renald Falzon
Sindku

**IFFIRMATI**
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum 4 ta' Novembru 2019.